MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 408/2012

**Appell Nru. 408/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**
**Vs**
**Patrick Vella**
**Omissis**

**Illum 30 ta' Mejju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Patrick Vella [detentur tal-karta tal-identita` numru 106067 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-10 ta' Gunju, 2005 ghall-habta ta' 21.00 hrs fl-"Isplash and Fun Theme and Leisure Park" sitwat fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq
1. bhala diretturi, managers, segretarji jew ufficjali ohra simili tal-Korp, ghaqda, jew kienu jidhru li qed jagixxu f'dik

il-kariga u cioe` ta' Splash and Fun Theme and Leisure Park, ma ezercitaw id-diligenza kollha xierqa biex jevitaw l-ghemil ta' reat u cioe` talli ppermettew lil min ihaddem loud speaker, gramafon, amplifikatur jew strument bhal dawn jew inkella hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqghodu f'bini fil-qrib u dan bi ksur ta' l-artikolu 13 tal-Kap. 249 u l-artikolu 42 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew b'ghajjat jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 t'Awwissu, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(m) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 41 tal-Kapitolu 10 tal-istess ligijiet sabet lill-appellant Patrick Vella hati u kkundannatu ghall-piena ta' hamsin Ewro (€50) ammenda kif ukoll ordnat lill-akkuzat inehhi l-inkonvenjent u jigi konformi mal-ligi sa zmien tlett xhur taht penali ta' ghaxar Ewro (€10) kulljum fin-nuqqas u dan skont l-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali. In oltre ordnat li l-akkuzat ihallas lir-Registratur l-ispejjes kollha in konnessjoni man-nomina ta' espert tekniku skont l-artikolu 533 tal-istess Kodici.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Settembru, 2012 li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u, minflok, wara li jinstemghu l-provi, tillibera lill-appellant mill-akkuza migjuba kontrih u fin-nuqqas tirrevoka l-istess sentenza u tissostitwija u tvaraha b'sentenza li certament ma tinkludix l-applikazzjoni tal-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx il-kunsiderazzjoni necessarja ghal provi prodotti, is-sottomissjonijiet u t-trattazzjoni esposta peress li sabet lill-appellanti hati ta’ l-akkuza migjuba kontrih.

**L-ewwel Agravju**

Jikkonsisti fil-fatt illi l-persuna licenzjata u responsabbli kienet biss Anthony Vella u mhux Patrick Vella. Dan kien ingab a premess tal-ewwel Qorti li skartat dan il-punt ta’ dritt li ben jirrisulta mill-licenzji lilha ppresentati mill-Prosekuzzjoni u anke mid-difiza. In atti jirrizultaw akkuzati Anthony sive Toni Vella id 29942M ibnu Patrick Vella. Illi gew esebiti dokumenti mill-awtoritajiet relattivi jikkonfermaw illi r-rappresentanza guridika u l-licenzji opportuni fid-dati akkuza huma kollha intestati u jsejjhu lil Anthony Vella (Vide Dok MBI u MB2 hawn anness). Kwindi ma setghet qatt tinstab htija fil-konfront ta’ Patrick Vella. Di piu illum Anthony Vella huwa defunt u kwindi l-estinzjoni tal-akkuza hija obligatorja ex lege . Nafu ben tajjeb li sakemm kien haj Anthony Vella dejjem attenda l-Qorti u kien presenti sakemm miet fis-sena 2009. Il-fatt li l-akkuzat Patrick Vella kien jkun ma missieru fil-park ma jistax jwassal ghall-ebda htija fil-konfront tieghu ghaliex il-fatt biss li kien ikun presenti hdejn missieru ma hijiex il-prova li trid il-ligi dwar responsabilita tal-kumpanija li tiggestixxi l-Park licenzjat f’ilsem missieru u kwindi qatt ma missu tressaq.

Is-sentenza tal-ewwel Qorti ddikjarat esawrit il-proceduri fil-konfront ta’ Anthony Vella u ghalhekk jekk mill-atti kien huwa l-persuna rregistrata dak iz-zmien il-proceduri kollha anke fil-konfront ta’ Patrick Vella kellhom konsegwentemnent jirrizultaw esawriti jew li jistghux jissusitu fil-konfront tieghu. Il-fatt illi l-Qorti kellha diversi kawzi ohra fejn baqa jidher biss Patrick Vella ma kellu qatt jwassal ghas-sejbin ta’ htija meta jirrisultala li Toni Vella certament sas sena 2009 kienu l-persuna responsabbli u rregistrata skond il-licenzji ufficjali.

**It Tieni Aggaravju**

Nuqqas ta’ konsiderazjoni tal-hin u l-art. 338 (m)-— bil-lejl.

Illi l-akkuzi u l-htija ai termini tal-Artiklu 338(m) ukoll ma kellhomx u ma setghux jirrisultaw ghaliex dan l-artiklu ghandhu necessita partikulari li jirrikjedi illi l-akkuza titwettaq matul il-leji ergo wara l-hdax ta'bil-Iejl ( 23.00hrs). L-akkuza mertu tal-appell kienet fl-10 ta' Gunju 2005 ghal habta ta' 21.00hrs. L-akkuza tas-7 ta' Lulju 2005 biss tirrisali ghall- wara dak il-hin ( 23.50).

In fatti I-artiklu 338 ( m) jaqra u jibda proprju bil-kliem BIL-LEJL , jikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Kull akkuza li ma tinkwadrax wara l-11.00 pm certament ma setghet taqa qatt taht dan l-Artiklu tal-Ligi u l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija meta irrizultala akkuza f'hin li certament ma huwiex ikkunsidrat bhal bil-"lejl . Di piu sabiex jissussisti dan l-artiklu mhux bizzejjed jitilghu nies jiddikjaraw Ii qed jdejjaqhom l-istorbju tal-muzika jehtiegu provi fis-sens li bl-inkonvenjent allegat dan jkun ta' natura li qed jiksrilhom iI-mistrieh jigifleri jzommhom milli jorqdu u L-EBDA xhud ma xehed f'dan is-sens. Meta ghandna diversi konfermi anke mill-espert Pent Valerio Schembri li ghamel tests fil-kmamar tas-soddod tal-kwerelanti illi bil-muzika u minghajrha il-hoss ma jeccedix meta l-ac jkunu mixghulin u meta t-twieqi jkunu maghluqa. L-ebda mill-kwereleanti xehed illi ttenta jorqod jew jistrieh u li ma setax, il-prova reali Ii jirrikjedi dan l-artiklu.

Di piu mhuwiex verosimili li wiehed jmur jorqod qabel l-11.00 pm fl-eqqel tas-sajf u l-aggravju jikkonsisti fil-fatt illi din l-akkuza allegatament sehhet fld-9.00 pm . Hafna mix-xiehda jiddiskrivu kif kienu disturbati ghaliex il-hsejjes kienu qed jisimawhom mill-gnien taghhom waqt xi barbecue Ii kien jkollhom . Is-semplici fatt Ii jisimghu ma jinkwadrax sabiex timmaterjalizza din l-akkuza Ii tehtieg li ssir bil-lejI u li jinkiser il-mistrieh .Setghet tinkwadra taht akkuzi ohra pero` certament mhux taht din l-akkuza partikulari.

**It Tielet aggravju**

Nuqqas ta' osservanza u konstatazzjonijiet tar-rapport Peritali.

L-ewwel Onorabbli Qorti naqset li taghti kunsiderazzjoni opportun lir-rapport Peritali li gie redatt ghall-kull data u akkuza partikolari u ghal fatt li dan kellu jsir ghaliex ir-rapporti varji kienu jsiru minn nies differenti li jallegaw affarijiet differenti u ilmenti differenti . Ghalhekk kien pertinenti Ii l-Perit legali jesamina l-kazijiet b'rapporti individwali ghaliex id-distanzi tar-resdienzi jvarjaw ferm u kull kwerela giet esaminata individwali.

Illi d-Dokument D li huwa hawn ukoll anness huwa r-rapport Peritali li konstatat l-ewwel Onorabbli Qorti . Mill-konkluzjonijiet tar-rapport kellhu jirrisulta illi l-lanjanzi ma jirrisultawx attribwibbli lill-imputati izda anke meta l-muzika taghhom kienet tkun mitfija l-inhawi jipproduci hsejjes u ghalhekk qatt ma setghet tinstab ebda htija fil-konfront ta l-imputati.

Il-Provi Peritali huma ferm indikattivi Ii ma setghetx tinstab htija ghaliex fid-diversi rapporti inkluz b'mod partikolari dak Ii jikkoncerna d-data tal-akkuza mertu tal -appell il-konstatatzzjonijiet tal-Perit jistabilixxu u j ikkonkludu;

"Meta t-twieqi tal-kamra tas-sodda tal-fond tal-kwerelant Mario Hili jkunu maghluqin u l-ac units mixghulin il-livell ta'hsejjes ikkonstatat meta l-muzika tal-fond tal-imputat tkun KEMM MIXGHULA KIF UKOLL MITFIJA jaqbez il-massimu accettabli minn standards rikonoxxuti ."

Dan kien mertu ta' Rappport peritali tal-lO ta' Awissu 2005 u mhux fil-kaz sub iudice.

B'konkluzjoni skjetta bhal din ma tistax tinstab ebda htija ghaliex huwa car illi l-allegat disturb ikkawzat skond il-kwerelanti mill-muzika ma j issustixix.

Dokument D hawn anness jikkonferma lil hemm min kull dubju Ii l-iakkuza ma tirrizultax ippruvata tant Ii l-konkluzjoni Peritali tirreferei in kwantu ghal Kwerelant Cherubino Ii din ma tirrizultax u in kwantu ghal kwerelant

Cuomo hemm hsejjes kemm meta tkun mixghula u kemm meta tkun mitfija l-muzika. Vide pagna 9 relazjoni in desamina.

Il-kontributorjeta tal-kwerelanti u l-ambjent traffikuz tal-inhawi jinstabu jikkawzaw l-inkonvenjent u ma jkunx ekwu u gust li tinstab htija meta l-konstatazzjonijiet jirrisultaw mod iehor . L-ewwel Qorti naqset li tapprezza illi l-konstatazzjonijiet tal-Perit Legali kienu jaghtu konfort lix-xhieda estensiva u t-tesi tad-difiza li r-rapporti kienu rapport sistematici li kienu qed jsiru b'mod regolari mir-residenti b'mod sistematiku u premeditat sabiex jzommu lill- imputati milli jottjeni permessi ta' zvilupp fl-imsemmi Park u l-aktar ghaliex ma xtaqux li jigu organizzati Parties li setghu joholqu inkonvenjent.

L-ewwel Onorabbli Qorti naqset li tikkonstata li in effetti ben 7 snin wara din l-akkuza ma gew organizzati ebda parties u r-rapporti waqqfu ghal kollox; fattur li fl-apprezzament tad-decide taghha kellu jwassal sabiex tikkonferma li r-rapporti qatt ma saru ghaliex verament sehhu izda kienu biss pretes sabiex jxekklu lill-imputati.

Il-Park baqa l-istess wiehed u l-operat l-istess ukoll ghalkemm bi qbil sar tibdil fis-sistema ta' muzika fil-park ghal speakers frekwenti madwar il-park li minflok speakers jkunu ta' cert kobor sabiex jwasslu man-nies ikun hemm speakers frekwenti zghar vicin in-nies . Dan ma kellux jimplika li allura fi zmien tar-rapporti kien hemm hsejjes eccessivi u li joholqu inkonvenjent . L-imputat dejjem sostna li l-muzika tinzamm baxxa u ma jaghmilx sens li din iddejjaq l-istess nies li jmorru l-park.
Nuqqas ta apprezzament ta' l-ewwel Qorti kienu diversi xhieda Ufficjali tal-Pulizija li addivjenew fuq il-post immedjatament u jikkonfermaw illi ma kien jinstemgha ebda storbju jew muzika pero xorta nhargu l-akkuzi ghaliex r-residenti insistew li jinhargu l-akkuzi. Dan kellu jittiehed in kunsiderazzjoni.

4. Ir-Raba Aggravju
Illi fid-decicle taghha l-ewwel Onorabbli Qorti apparti l-pieria ta' €50 ammenda ppreflggiet tlett (3) xhur zmien

sabiex l-imputat jigi konformi mal-ligi u fin-nuqqas jehel penali ta’ €10 kuljum ghan-nuqqas skond l-Artiklu 377(3) tal-Kodici Kriminali. Bir-rispett c-citazzjoni tal-10 ta’ Gunju 2005 ma ssemmi ebda talba ghall applikazzjoni ta’ dan l-Artiklu u kwindi l-appellant jhoss li inghatat piena li tmur oltre dak huwa kien seta’ qatt jigi misjub hati dwaru. L-aggravju huwa car u manifest iIli !-htija fl-akkuza tal-10 ta’Gunju 2005 ma kienitx piena ghall akkuza wahda izda hija effetata minn kwantita ta’ akkuzi Ii kollha jinstabu quddiem l-istess Qorti. Di piu I-aggravju huwa aktar manifest ghaliex l-ewwel Qorti semghet anke ricentiment qabel il-pronuncjament tas-sentenza illi s-sistema tal-ispeakers li kienet fiI-post fis-sena 2005 giet mibdula fis-sena 2010/11 tant li kif irrisultala ma rceviet ebda rapport u tahrikiet ulterjuri u kwindi l-ordni tat tnehhija ta apparat li taf Ii ilu Ii tnehha jmur kontra raguni u jkun qed jikkawza inkonvenjent anke lill-istess kwerelanti wara diversi interventi u laqghat sabiex jigi installat apparat Ii huwa sodisfacenti ghall inhawi . L-ahjar prova li kellha din il-Qorti kien Ii kemm is-sajf ta qabeI u dan is-sajf l-istess residenti affermaw li kien hemm sitwazzjoni sodisfacenti tant li dan is-sajf ma sar ebda ilment lill-pulizija Ii jirriafferma illi ma hemm ebda inkonvenjent u kwindi certament s-sentenza tikkontejeni aggravju fejn din l-Onorabbli Qorti tehtieg tirriforma s-sentenza specjalment fl-ordni Ii jitnehha l-inkonvenejent meta l-apparat esistenti a tempo vergine ilu li gie imnehhi u sostitwit.

5. Il-Hames Aggravju

Il-hlas ai termini tal-Artiklu 533 qatt ma seta’ jigi addebitat lill-appellanti ghaliex l-istess rapporti peritali jikkonfermaw l-innocenza tal-imputat u kwindi ma jaghmilx sens li jigu addebitati lill-appellant . Kienu r-residenti li vvantaw rapport li jirrizultaw infondati u l-verifiki tal-esperti jikkonfermaw proprju dan u ma jkunx ghalhekk gust li jkun l-appellanti li jhallas ghalihom.

6. Is-Sitt Agravju

Kif premess l-ewwel Qorti ma setghetx taccetta trattazzjoni tal-ewwel 13 il-kaz u taghti sentenza fuq data wahda biss , dik tal-10 ta’ Gunju 2012 meta f’nifs tghid li

dan il-kaz hu wiehed biss " u f'nifs iehor tghid " fih numru konsiderevoli ta' kazijiet fuq l-istess materja " b'mod ghalhekk illi l-appellanti jigi mpoggi f'sitwazjoni fejn ma jafx jekk inghatax decizjoni fuq kaz wiehed u cioe` tal-10 ta' Gunju 2012 jew fuq il-kazijet kollha li huma diversi li jinstabu sub iudice quddiem l-evwel Qorti .Ma jistax jinghata decizjoni wahda fuq diversi akkuzi li ma gewx tratati fis-sentenza tal-ewwel Qorti u kwindi l-aggravju manifest li jimmerita illi kull akkuza ta' natura kontravenzjonali titqies bhal separate u distinta u tinghata sentenza distinta . Min dan l-aspett ukoll l-appellant ma jistax jkun jaf jekk inghatatx sentenza fuq akkuza wahda jew inghatax sentenza ghwahda ghal-akkuzi kollha . L-ewwel tlettax il-kaz gew trattati u l-ewwel Qorti kellha tesamina l-ewwel tlettax il-kaz u ghalkemm setghet ippronuncjat sentenza wahda kellha titratta 13 il-kaz u mhux kaz wiehed biss.  B'dan it-tip ta' pronuncjament kull akkuza u tahrika kemm dawk it-tnax trattati u kemm ohrajn li ma gewx trattati qed jitqiesu bhala kaz wiehed taht materja wahda u dan huwa aggravju Ii jpoggi lill-appellanti f'posizzjoni li ma jistax jiddefendi ruhu bi ksur tal-proceduri Kriminali

Irrizulta mill-provi illi f'Gunju tal-elfejn u hamsa (2005) l-appellant kien direttur tal-fond kummercjali maghruf bhala *Splash and Fun Theme and Leisure Park* li qieghed fi Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq. Dak iz-zmijiet bdew jigu organizzati parties u attivitajiet f'dan l-istabiliment illi kienu qed ikunu ta' inkonvenjent serju ghar-residenti illi kienu joqghodu fl-istess inhawi n-naha l-ohra tat-triq. Ir-residenti ilmentaw minn muzika gholja, storbju tan-nies, ghajjat u hsejjes ohra normalment assocjati mill-azjenda kummercjali illi fiha jkun hemm hafna nies ghad-divertiment. Barra minn hekk ilmentaw ukoll illi dan l-inkonvenjent kien qed isir f'kull hin, inkluz tard billejl.

Ikkunsidrat:

Bhala azjenda l-*Isplash and Fun Theme and Leisure Park* kien ilu jopera minn Triq il-Kosta, Bahar ic-Caghaq ghal zmien twil u ghall-ewwel ma kienx ikun hemm ilmenti partikolari mir-residenti. Però fl-elfejn u hamsa (2005) id-

diretturi ta' din l-azjenda kummercjali bdiet tircievi talbiet sabiex jigu organizzati parties sa tard billejl u l-Hadd waranofsinhar ukoll sessions ta' aerobics fejn kien ikunu uzati loudspeakers ta' sahha notevoli. Dak iz-zminijiet ukoll bdiet il-luna park u hawnhekk l-ilmenti bdew jizdiedu, tant hu hekk illi kien hemm perjodu bejn l-elfejn u hamsa (2005) u l-elfejn u sebgha (2007) illi r-residenti kienu qiegħdin jaghmlu rapporti ta' inkonvenjenti ta' spiss.

L-akkuza però, issemmi gurnata u hin partikoli – fl-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u hamsa (2005) ghal habta ta' 21:00 hours. Din l-akkuza tirrizali minn rapport li rcieva PS 321 Alan Lagrasta illi kienet gejja muzika gholja mill-luna park ta' Splash and Fun. Jghid illi huwa kellem lill-appellant Patrick Vella u qallu biex inaqqas il-volum, u hekk sar, però xorta hargu c-charge ghaliex wara kellhom rapport iehor minghand ir-residenti illi l-volum rega' ghola.

Xehdu diversi surgenti fejn dawn taw ix-xhieda taghhom dwar diversi rapporti illi rcevew f'dati differenti – fit-tlettax (13) ta' Gunju tal-elfejn u hamsa (2005), sbatax (17) ta' Gunju elfejn u hamsa (2005), hdax (11) ta' Awwissu tal-elfejn u hamsa (2005), sbatax (17) ta' Awwissu elfejn u hamsa (2005) – u dati ohra illi jibqghu sejrin sal-elfejn u sebgha (2007). Però, peress illi l-akkuza titkellem dwar data u hin partikolari, il-Qorti trid tirristringi l-konsiderazzjoni taghha ghal dak illi gara fl-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u hamsa (2005) ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (9.00 p.m.).

Wiehed mir-residenti illi ta d-deposizzjoni tieghu kien Mario Hili illi joqghod Xatt il-Palm, Bahar ic-Caghaq, ezatt faccata tal-Isplash and Fun. Jirrapporta diversi ilmenti illi bdew bejn l-elfejn u erbgha (2004) u l-elfejn u hamsa (2005), l-aktar fis-sajf, fil-karnival, il-Milied u festi partikolari. L-ilmenti dejjem jikkoncernaw storbju eccessiv matul il-gurnata u billejl. Dak iz-zmien kellu t-tifel l-Università u ma setax jistudja bl-istorbju li kien hemm, bil-peak tal-istorbju bejn Gunju u Settembru. Jilmena illi meta kien hemm ic-cirku, il-PA system jidhol f'rasu, il-base jkun tant qawwi illi jrieghed id-dar avolja ghandu double glazing kullimkien, bit-twieqi maghluqin, air-conditioning mixghul,

u ma jistax jorqod ghax jisma' l-base mill-imhadda. Minkejja illi kellem lill-appellant Patrick Vella personalment u baghtlu diversi SMSs ma sar xejn. Kien biss wara li ghamel rapport lill-pulizija li l-volum tbaxxa ghal ftit però rega' ghollieh hekk kif il-pulizija telqu. Kull darba illi jaghmel rapport dejjem issir l-istess procedura – il-volum jinzel ghal xi ftit imbaghad jerga' joghla. Jghid illi ilu joqghod f'dan il-fond tnax-il (12) sena u l-park kien digà hemm izda kien hafna izghar u ma kienx ta' inkonvenjent ghar-residenti ta' Bahar ic-Caghaq.

Xhieda ohra li taw id-deposizzjoni taghhom kienu Mary Cuomo, Fr. Eddie Pace, John Agius, u l-Ispettur Ramon Mercieca. Dan tal-ahhar jghid illi kien a konoxxenza tal-ilmenti mir-residenti ta' Bahar ic-Caghaq li fis-sajf kienu jkollhom jissaportu diversi inkonvenjenzi ta' storbju, muzika u ghajjat gej mic-cirku u mill-kumpless tal-Isplash and Fun faccata ta' fejn kienu joqghodu. Isemmi partikolarment bejn l-elfejn u hamsa (2005) u l-elfejn u tmienja (2008) fejn l-ilmenti lahqu certa intensità illi kellu bilfors jiehu azzjoni. Ta' spiss kien jinzel f'dawk l-inhawi anki wahdu. U jirrakkonta illi darba minnhom kien fin-nofs tal-luna park u jircievi ilment illi kien gej hafna storbju. Però minn fejn kien ma kien hemm xejn specjali. Meta, però qasam it-triq u mar fl-inhawi minn fejn l-ilment kien gej, verament seta' jikkonstata illi kien jinstema' hafna storbju. Kien strumentali illi jlaqqa' r-residenti mad-direttur tal-azjenda l-appellant Patrick Vella. U kien saru xi arrangamenti godda fejn kellhom jigu mwahhla l-ispeakers. Gharaf lill-appellant bhala l-persuna li mieghu kien jitkellem fuq din il-kwistjoni. L-ispettur kien jinzel Bahar ic-Caghaq bejn id-disgha ta' filghaxija u l-hdax ta' filghaxija (9.00 p.m. – 11.00 p.m.). U l-hsejjes kienu jikkonsistu l-aktar fit-twerziq ta' nies, bejjiegha tal-gabbana u muzika bir-rhythm base. Kellu diversi diskussjonijiet mar-residenti u Patrick Vella biex jaraw kif jistghu jsolvu din il-problema izda dawn il-laqghat ma tantx kellhom success. U l-appellant ma kienx dispost illi jonfoq eluf kbar ta' ewros biex idahhal speakers specjali halli jnaqqas l-ilment tar-residenti. Hu seta' jifhem li dak it-tip ta' storbju kuljum f'kull hin seta' kien tedjanti ghal min joqghod fl-inhawi. L-Ispettur Mercieca qal li kien jircievi ilmenti minn

gruppi ta’ nies minn inhawi differenti Bahar ic-Caghaq li generalment kien jiddependi mid-direzzjoni tar-rih.

Meta l-Prosekuzzjoni ghalqet l-istadju taghha xehed l-appellant Patrick Vella. Hu qal illi fl-elfejn u hamsa (2005) il-permessi kollha tal-Isplash and Fun kienu fuq missieru, illum mejjet, u dak iz-zmien kellhom permessi sabiex idoqqu l-muzika sal-hdax (11.00). Fl-elfejn u hamsa (2005) gew avvicinati minn azjendi kummercjali sabiex jaghmlu attivitajiet tlett (3) darbiet fil-gimgha bil-kondizzjoni li jkunu jistghu jdoqqu l-muzika wara l-ħdax (11.00). Saret applikazzjoni u nghatat extension sas-siegha ta’ filghodu (1.00 a.m.). Kull sena jigu avvicinati minn diversi nies biex jorganizzaw parties u xi attività ohra fil-park u lil dawn jghidilhom biex jiehdu hsieb il-permessi huma.

Fl-elfejn u hamsa (2005) beda l-luna park u bdew ukoll jizdiedu l-ilmenti mir-residenti. F’Awwissu u Settembru tal-elfejn u hamsa (2005) bdew jircievu citazzjonijiet u fl-elfejn u sebgha (2007) saret laqgha mal-pulizija u r-residenti. Japprezza u jifhem li f’certa sitwazzjonijiet il-muzika aktar tinstema’ qalb id-djar milli mill-post stess, kif qal l-Ispettur Ramon Mercieca. Ipprova hafna sistemi biex isolvi l-problemi, anke involva l-kunsill, izda kien kollu ghal xejn ghax mar-residenti ma seta’ qatt jiftiehem u jaghmel x’jaghmel ma kienx sejjer jikkonvincihom. Fil-kontro ezami ikkonferma illi fl-elfejn u hamsa (2005) kien direttur tal-Isplash and Fun u x-xoghol manigerjali kien kwazi kollu f’idejh. Jaf illi wahda mill-kondizzjonijiet tal-permess ghall-operazzjoni tal-azjenda kienet li ma jikkawzax inkonvenjent lir-residenti fil-vicin. F’Gunju tal-elfejn u hamsa (2005) gie l-luna park jopera mill-fond tieghu u hawnhekk bdew isiru rapporti sistematici kuljum mir-residenti. Mistoqsi partikolarment dwar id-data tal-ghaxra (10) ta’ Gunju tal-elfejn u hamsa (2005), l-appellant qal li dakinhar kien hemm xi attività zgur però ma setax jghid jekk kienx hemm xi storbju wara l-hdax (11.00). Wara l-elfejn u sebgha (2007) bdew isiru meetings mar-residenti, ukoll mal-avukati taghhom, mal-ministru u anke mal-pulizija. Izda r-residenti qatt ma kienu kuntenti u qieghdin jiffissaw jew jimmaginaw l-istorbju gej mill-azjenda tieghu.

B'sentenza moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu ghal amenda ta' hamsin ewro (€50) kif ukoll ordnatlu jnehhi l-inkonvenjent u jigi konformi mal-ligi fi zmien tlett (3) xhur taht penali ta' ghaxar ewro (€10) kuljum fin-nuqqas, u dana skont l-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell.

L-ewwel ilment tieghu jikkonsisti f'illi l-persuna licenzjata u responsabbli ghal din l-azjenda kien biss Anthony Vella u mhux l-appellant. Ilmenta illi l-licenzji kollha li kienu jezistu fl-elfejn u hamsa (2005) u prezentati mill-Prosekuzzjoni kienu jghajtu lil missieru Anthony Vella u ghalhekk qatt ma setghet tinstab htija fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Originarjament din ic-citazzjoni harget fuq zewg persuni – l-appellant odjern Patrick Vella u missieru Toni Vella illi sfortunatament miet fil-mori ta' dawn il-proceduri u ghalhekk fil-konfront tieghu dawn gew dikjarati estinti. Però, l-akkuza dejjem kienet fil-kwalifiki bhala diretturi, managers, segretarji, jew ufficcjali ohra simili, li kienu jidhru jew jagixxu f'xi kariga fil-gestjoni tal-fond "Splash and Fun Theme and Leisure Park". L-appellant jirrikonoxxi illi fl-elfejn u hamsa (2005) kien direttur ta' din l-azjenda; mhux hekk biss imma kien attiv hafna fil-gestjoni taghha u kien ikun prezenti fuq il-post il-hin kollu. Il-pulizija kienu jkellmu lilu meta jircievu xi ilmenti mir-residenti. U ghal kull laqgha li saret sew mal-pulizija, sew mar-residenti, kif ukoll mal-ministru u l-avukati, dejjem kien prezenti biex jitkellem ghan-nom tal-azjenda. Dan l-agir jinkwadra fis-shih fil-kwalifika illi bih l-appellant qed jigi mharrek. U din hija konformi ukoll mal-artikolu 13 tal-Interpretation Act, Kap. 249, illi jghid min jista' jigi mharrek minn korp jew ghaqda ta' persuni sabiex jirrispondu ghal xi reat jew kontravenzjoni. Dan l-artikolu jkompli jespandi u jitfa' fuq

spallejn il-persuna responsabbli sabiex tipprova li tkun ghamlet minn kollox biex tevita illi jsir ir-reat.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex gustifikat. Bhala direttur hu f'pozizzjoni manigerjali illi jiggestixxi l-operazzjoni tal-azjenda kuljum, huwa mharrek skont il-ligi, u ta' dan ghandu jirrispondi.

Ikkunsidrat :

It-tieni aggravju jikkoncerna l-hin. Ic-citazzjoni ssemmi l-artikolu 338(m), illi jesigi illi l-inkonvenjent ikun billejl. Peress illi l-akkuza ssemmi d-data tal-ghaxra (10) ta' Gunju fid-disgha ta' filghaxija (9.00 p.m.), dak il-hin ikun ghadu dawl u ma jistax jigi meqjus bhala lejl. Skont l-appellant biex jinkwadra dan l-artikolu, l-inkonvenjent irid ikun sar wara l-hdax ta' filghaxija (11.00 p.m.).

Bir-rispett il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' dan l-argument. Meta l-artikolu 338(m) jsemmi l-kelma "billejl," ma jfissirx illi bilfors ikun dalam. Ghal interpretazzjoni korretta ta' din it-tifsira, il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 270 tal-Kap 9 illi jsemmi l-kwalifika tal-hin ghar-reat ta' serq li jsir aktar serju bl-aggravju tal-hin "jigifieri bejn inzul u t-tlugh tax-xemx". Ghad illi fid-disgha ta' filghaxija (9.00 p.m.), f'Gunju, jkun ghadu d-dawl, ix-xemx tkun digà nizlet u dan huwa bizzejjed biex jissodisfa l-vot ta' dan l-artikolu fuq imsemmi.

Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti qieghda tiddispondi mit-tieni aggravju tal-appellant.

It-tielet aggravju jirrigwarda n-nuqqas ta' osservazzjoni u konstatazzjonijiet tar-rapport peritali. Hu ilmenta illi l-ewwel Qorti naqset illi taghti konsiderazzjonijiet opportuni lir-rapport peritali li gie redatt ghal kull data u akkuza partikolari. Skont l-appellant dan ir-rapport ma kienx ta' konfort ghall-provi tal-Prosekuzzjoni peress illi rrizulta illi l-inhawi huma soggetti ghal diversi hsejjes ohra minbarra dawk tal-azjenda operata mill-appellant bhalma huma l-

hsejjes tal-karozzi ghaddejjin fit-triq illi jifred l-azjenda mir-residenti.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidhrilha illi f'cirkostanzi bhal dawn ma hemmx ghalfejn jigi nominat espert tekniku biex jikkonstata jekk ilment huwiex gustifikat jew le – dak li jkun accettabbli ghall-perit mhux necessarjament ikun hekk ghar-residenti illi jkunu jridu jissaportu l-inkonvenjent il-hin kollu tal-gurnata u lejl. Ghalhekk, jekk xi residenti ilmentaw minn inkonvenjent gej mill-azjenda tal-appellant u dan l-inkonvenjent jigi ippruvat, dana huwa bizzejjed u ma hemmx ghalfejn jigi nominat espert tekniku biex jikkonferma dak illi jkun qal ir-resident.

F'dan il-kaz irrizulta ampjament ippruvat illi r-residenti ghal zmien twil u specjalment fl-elfejn u hamsa (2005) meta bdiet topera l-luna park kienu soggetti ghal inkonvenjent serju matul il-gurnata u billejl u jghid x'jghid l-espert tekniku dan il-fatt ma jistax jinbidel. Il-permess ghall-operazzjoni tal-azjenda huwa kondizzjonat illi ma jkunx hemm inkonvenjent lir-residenti. U dan l-inkonvenjent altru li rrizulta u ma kinitx xi immaginazzjoni jew fissazzjoni tar-residenti kif donnu qed jippretendi l-appellant.

B'decizjoni moghtija fil-hamsa (5) ta' Frar tal-elf disa' mija tmienja u disghin (1998) fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Fortun Fava," il-Qorti qalet, fost affarijiet ohra, "Frankament, din il-Qorti ma tarax x'necessità kien hemm illi joqghod jigi nominat espert biex jaghmel il-kalkoli kumplikati li ghamel. Sia ghall-finijiet tal-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ghall-fini tal-artikolu 41(2) tal-Kap 10, l-inkonvenjent li rrid jirrizulta mhux xi haga oggettivament rilevabbli bi strumenti u kalkoli tal-fizika izda ghandu jirrizulta mid-depozizzjoni jew depozizzjonijiet ta' min ikun qed ibaghti minn dak l-inkonvenjent."

Ghalhekk, f'dan il-kaz, qal x'qal l-espert ma ghandu l-ebda rilevanza fuq l-inkonvenjent illi kienu qieghdin isofru r-residenti. U dan ir-rapport kellu jigi skartat. B'hekk il-Qorti qed tiddisponi mit-tielet aggravju tal-appellant.

Ir-raba' aggravju jikkoncerna d-decide tal-ewwel Qorti meta apparti l-hamsin ewro (€50) ammenda, ipprifeggiet tlett (3) xhur terminu sabiex l-imputat jigi konformi mal-ligi u fin-nuqqas jehel penali ta' ghaxar ewro (€10) kuljum ghal dan in-nuqqas skont l-artikolu 337(3) tal-Kodici Kriminali. Argumenta illi fic-citazzjoni ssemmi biss data wahda, tal-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u hamsa (2005), u ma ssemmi l-ebda talba ohra ghall-applikazzjoni tal-artikolu fuq imsemmi.

Ikkunsidrat:

Bhala principju ma hemm xejn x'izomm Qorti milli taghmel uzu minn artikolu tal-ligi illi ma jkunx imsemmi fic-citazzjoni. Minkejja hu desiderabbli illi fic-citazzjoni jkun hemm imsemmija l-artikoli tal-ligi li jinkwadraw l-akkuza, dawn m'ghandhomx ghalfejn jitnizzlu "ad validitatem". L-appellant jaf il-ligi x'inhi u hija prezenut illi jaf ukoll il-kontenut tad-dispost tal-artikolu 337. U la l-Qorti ghazlet biex taghmel uzu minn dan l-artikolu ma hemm xejn illegali jew irregolari f'dan. L-appellant argumenta illi minn dak iz-zmien 'il hawn saru hafna tibdiliet u l-inkonvenjent naqas hafna. Il-Qorti tawgura illi dana huwa l-kaz u llum instab modus fejn l-appellant ikun jista' jiggestixxi n-negozju tieghu minghajr inkonvenjent lir-residenti. Però ma hemm xejn irregolari illi l-Qorti taghmel uzu minn artikolu tal-ligi li jtiha awtorità timponi terminu kif fil-fatt ghamlet. Ghalhekk, hawn ukoll il-Qorti qieghda tiddisponi minn dan ir-raba' aggravju tal-appellant.

Il-hames aggravju jikkoncerna l-hlas tal-ispejjez ai terminu tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali peress illi r-rapport peritali jikkonfera l-innocenza tal-appellant u kwindi ma jaghmilx sens illi jigu addebitati lilu.

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti dehrilha illi kellha tappunta perit tekniku proprju minhabba l-oppozizzjoni tal-appellant ghall-ilmenti illi kienu qieghdin jaghmlu r-residenti. Kien x'kien l-ezitù ta' dan ir-rapport fl-ahhar mill-ahhar, l-appellant instab hati, u

ghalhekk kien gust, kif normalment isir f'dawn ic-cirkostanzi illi huwa jigi kkundannat jhallas l-ispejjez tal-perizja. L-ilmenti tar-residenti rrizulta fondat; il-Qorti tat id-decizjoni taghha favur dawn ir-residenti u kwindi kienet il-konsegwenza normali li l-appellant ghandu jkun responsabbli ghall-ispejjez tal-perizja. Hawn ukoll il-Qorti qieghda tiddisponi mill-hames aggravju.

Is-sitt aggravju jirrigwarda ilment ta' incertezza ghall-appellant peress illi ma jafx jekk giex kundannat ghal citazzjoni u cirkostanza wahda – dik tal-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u tnax (2012) – jew inkella ghal kazijiet ohra dwar id-diversi ilmenti illi ghamlu r-residenti. Argumenta illi ma tistax tinghata decizjoni wahda fuq diversi akkuzi li ma gew trattati fis-sentenza tal-ewwel Qorti, u l-aggravju qieghed fil-fatt illi kull akkuza ta' natura kontravenzjonali ghandha titqies bhala separata u distinta u tinghata sentenza separata. Jghid, "Minn dan l-aspett ukoll l-appellant ma jistax ikun jaf jekk inghatatx sentenza fuq akkuza wahda jew inghatatx sentenza wahda ghall-akkuzi kollha."

Ikkunsidrat:

Hawnhekk il-Qorti tirriferih ghall-konsiderazzjoni u decide tal-ewwel Qorti fejn ikkonkludiet illi qieghda ssib lill-appellant, "hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu permezz tac-citazzjoni in ezami ...". Din ic-citazzjoni tirreferi ghal cirkostanza wahda tal-ghaxra (10) ta' Gunju tal-elfejn u hamsa (2005), u ta' dik biss instab hati illi taghha gie kkundannat ammenda ta' hamsin ewro (€50). B'din l-ammenda biss seta' l-appellant irrealizza illi hawn si tratta ta' cirkostanza wahda u mhux tar-rapporti kollha illi ghadhom pendenti quddiem l-ewwel Qorti. Is-sentenza tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) hija cara u ma thalli l-ebda sens ta' inekwivoku ghal xhiex l-appellant kien gie misjub hati. Ghalhekk il-Qorti qieghda tichad dan l-aggravju peress illi m'ghandu l-ebda fundament legali. Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-ewwel Qorti u ssib illi fuq il-provi illi kellha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghalhekk mhuwiex il-kaz illi tigi disturbata d-deskrizzjoni u konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------